MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 800/2004

**Jane Mary Camilleri f' isimha u fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ta' l-imsiefer zewgha John Camilleri**

**vs**

**Reno u Hayley konjugi Sammut**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici proprio et nomine ppremettiet :

Illi permezz ta' skrittura privata datata 30 ta' Lulju 2003 (kopja informali annessa bhala Dok.JMC 1), il-konvenut Reno Sammut, fil-kummerc, obbliga ruhu li jhallas lill-atturi ssomma ta' tletin elf lira Maltin u dan fi zmien sentejn mill-

iffirmar ta' kuntratt li ghalih issir referenza fl-istess skrittura;

Illi tali kuntratt gie ffirmat, b'dan illi ghadhom ma ghaddewx is-sentejn stipulati sabiex il-kreditu jkun esigibbli;

Illi madanakollu, l-atturi huma nfurmati li l-konvenuti waqfu jhallsu d-djun taghhom u ghalhekk jinsabu fi stat fallimentari, u li qeghdin fil-process illi jitilqu minn Malta u jirritornaw 1-Ingilterra, fejn kienu jirrisjedu qabel ma stabbilew ruhhom hawn Malta fissena 2003, b'mod illi l-istess konvenuti ghandhom jitilfu 1-beneficcju tat-terminu a tenur ta' l-artikolu 487 tal-Kapitolu 13, Ligijiet ta' Malta;

IIli ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attrici proprio et  nomine talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarju u opportuna:-

1. tiddikjara bi procedura sommarja illi l-konvenuti jinsabu fi stat ta' falliment a tenur ta' l-artikolu 482, Kapitolu 13, Ligijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara illi l-kreditu ta' l-atturi stipulat nhar it-tletin ta' Gunju 2003 ta' tletin elf lira maltin huwa konsegwentement ezigibbli b'mod immedjat skond l-artikolu 487 tal-Kapitolu 13, Ligijiet ta' Malta u tordna l-hlas ta' tali kreditu;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez legali u l-kovenuti gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-aturi;

Rat l-artikoli 482 u 487 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita gha-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti, inkluz il-kopja tal-iskrittura privata tat-30 ta’ Lulju 2003, il-pretensjonijiet tal-atturi jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti u dana anke in vista tal-provedimenti tal-imsemmija artikoli 482 u 487 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jigi rilevat li l-konvenuti naqsu li jidhru u naqsu li jikkontestaw it-talbiet attrici;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti jinsabu fi stat ta’ falliment a tenur ta’ l-artikolu 482, Kapitolu 13, Ligijiet ta’ Malta; u tiddikjara illi l-kreditu ta’ l-atturi stipulat fl-imsemmija skrittura tat-30 ta’ Gunju 2003 ta’ tletin elf lira maltin (Lm30000) huwa ezigibbli b’mod immedjat skond l-artikolu 487 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna l-hlas ta’ tali kreditu bl-imghaxxijiet kif mitluba;

Spejjez kollha kontra l-kovenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------